# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 561

Il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fl-10.30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 561.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Paul Mizzi, Frankie Attard u Abigail Micallef talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 561.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 561.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

561.3.1 Il-Perit Johan Camilleri talab lill-Perit Aiden Bundic sabiex jitranġaw ir-rati tal-ħlasijiet tas-servizzi li se jsiru fi Triq Għajn Tuta fir-rigward ta' ilma u drenaġġ. Dan sabiex ir-rati jirriflettu dawk tas-sena 2023.

561.3.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi il-ġimgħa d-dieħla ħa jeħel il-playing equipment fil-proġett tal-Għadira.

561.3.3 L-Għaqda Mużikali San Girgor għamlu talba sabiex il-Kunsill Lokali jgħin billi jħallas is-sound tal-kunċert tal-festa. Dan se jkun madwar Eur500. Il-Kunsill Lokali qabel ma' dan.

561.3.4 Saret talba sabiex il-Kunsill jagħti permess li ssir attività ġewwa Ġnien il-Familja nhar il-21 ta' Lulju b'risq l-ALS. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

561.3.5 Irċevejna ittra ta' ringrazzjament għall-użu tat-tinda min-naħa tal-iskola Santa Tereża.

561.3.6 It-talba li għamilna sabiex nestendu il-proġett tal-Għadira sal-aħħar ta' Awwissu 2023 ġiet aċċettata.

561.3.7 Irċevejna l-aħbar illi għall-applikazzjoni li għamilna għall-attivitajiet tal-Milied ser nirċievu Eur16,000 min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

561.3.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi Ta' Kerċem ħa jkun magħluq għat-trakkijiet bejn it-3 u l-10 ta' Lulju minħabba il-pavaljuni tal-festa. It-trakkijiet ser jgħaddu minn Triq Qasam San Ġorġ.

561.3.9 Minn naħa tal-LESA ġiet approvata s-somma ta' Eur80,000 għall-playing field. Issa ser nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiffinanzja il-bqija tal-proġett.

561.3.10 Il-Perit Johan Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali Munxar dwar ħajt li qed jimbażaq 'il barra fi Triq Għajn Tuta fejn qed isir ix-xogħol iżda jagħmel parti mal-Munxar. Il-kuntrattur mhux ser jagħti garanzija tax-xogħlijiet li se jkunu saru f'din il-parti qabel ma jitranġa dan il-ħajt. Il-Kunsill Lokali tal-Munxar s'issa ma tax każ iżda

min-naħa tagħna ġbidna l-attenzjoni għaliex hemm il-periklu.

561.3.11 Dwar il-permess tal-proġett tar-ilma li jaqa' taħt Miżura 3 qed nistennew li jkollna risposta sat-8 ta' Settembru 2023. Madankollu, l-attività aktarx se jkollna nipposponuha peress li l-permess tal-proġett għadu ma ħariġx.

561.3.12 Il-Kunsill Lokali ġie mħarrek sabiex jixhed f'kawża li saret minn Nicholas Bianchi kontra l-Awtorità tal-Artijiet dwar Triq il-Kalandrijiet.

561.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kwotazzjoni tas-siġar fuq il-proġett tal-Għadira ingħatat lil Spring Company Limited.

## 561.4 Festa 2023

Is-Sindku spjega illi t-tindif tar-raħal għal waqt il-festa din is-sena ser jiġi madwar Eur1650 skond il-kwotazzjoni li ħadna.

## 561.5 Proġett tal-Għadira – Miżura 4

Is-Sindku qal li x-xogħol issa miexi b'rittmu tajjeb. Saru l-bażijiet tal-bankijiet u tal-imwejjed. Qed jinżabru ukoll is-siġar tal-bruk u fi ftit żmien ieħor jitħawlu s-siġar.

## 561.6 Proġett Għar Ilma – Miżura 3

Bħalissa hemm it-tender miftuħ sabiex issir l-attività ta' Settembru. Madanakollu, bħalma diġà intqal qabel, l-attività għadna ma nafux hux se ssir f'dik id-data. Hawnhekk inħatar il-bord ta' evalwazzjoni għat-tender tal-attività. Dan ser ikun kompost kif ġej: Chairman - William Sultana; Evaluators – Dr Joshua Grech, Ing. Simon Mizzi; Segretarju tal-bord – Marianne Sagona.

## 561.7 Symphony of lights u Fjakkolata 2023

Is-Sindku qal li reġa' wasal iż-żmien sabiex napplikaw għall-fondi sabiex isiru l-attivitajiet tas-Symphony of lights u l-Fjakkolata. Is-Symphony of Lights ser issir nhar it-13 ta' Ottubru 2023 u l-Fjakkolata se ssir nhar it-8 ta' Ottubru 2023.

## 561.8 Ilmenti u Suġġerimenti

561.8.1 Ġie diskuss il-post fejn ser tiġi stivata it-tinda li ġab il-kunsill bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Ġie deċiż illi din ser tkun qed tinġabar fil-garaxx tal-Kunsill Lokali.

561.8.2 Il-Kunsillier Alvin Grech tkellem dwar il-fondi tal-Ewropa li qed napplikaw għalihom flimkien ma' Soriano nel Cimino u post ieħor. Huwa qal li sibna post ġewwa Spanja li se jkun parti mill-applikazzjoni. L-applikazzjoni tagħlaq f'Ottubru 2023. il-Proġett ser jibda minn Jannar 2024 sa Ġunju 2025.

561.8.3 Il-Kunsillier Horace Vella intalab biex titpoġġa mera fit-triq tar-riefnu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

561.8.4 Qed issir talba lill-Kunsill sabiex isir double yellow line faċċata ta' garaxx fi Triq il-Ġojjin. Dan peress illi dan ir-resident għandu trakkijiet kbar u ma jkunx jista' jidħol u joħroġ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għalhekk se napplikaw ma' Transport Malta.

561.8.5 Is-Sindku semma kif nhar it-Tlieta li ġej hemm il-festa tat-tfal. Huwa tal-idea illi nagħmlu beritta bil-Madonna tas-Sokkors fuqha u titqassam lit-tfal kollha. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 561.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 561.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-11.20am u ġiet aġġornata għat-28 ta’ Lulju, 2023 fis-2pm ta’ wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |